# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru dsatax (19) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2013, fit-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillieri analizzaw il-lista tal-anzjani tar-raħal illi ma joħorġux mid-dar [ref punt 6.3]. Is-Sindku staqsa lil kunsillieri biex iċemplu jekk jiftakru f'ħaddieħor. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nċemplu San Vinċenz biex naraw minn hemm residenti hemmhekk illi huma mir-raħal.

3.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien awtorizzat biex jagħmel ir-reserved parking [ref punt 3.2] minn Transport Malta. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi, fil-fehma tiegħu, Transport Malta xorta waħda kellhom jagħmlu dan ix-xogħol. Is-Sindku qal illi fil-passat il-Kunsill kien għamel reserved parking. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kienu saru kaxxi, izda mhux reserved. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi dawn kienu saru u ta eżempju fuq reserved fir-raħal li issa ġiet mogħtija biż-żebgħa sewda.

3.3 Is-Sindku ċaħad li saru kaxxi sofor taħt din il-leġislatura [ref punt 3.4] u talab lil kunsillier Pietru Pawl Busuttil biex jgħid fejn saru dawn il-kaxxi. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fit-triq Ta' Rqajja tneħħew kaxxi tal-parkeġġ u minflok saru tal-motorcycles, mingħajr ma ġie diskuss fil-Kunsill. Is-Sindku qal illi fil-passat dawn id-diskusjonijiet qatt ma saru waqt il-laqgħat, avolja saru l-kaxxi s-sofor. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi darba kien hemm wieħed illi talab NO OBJECTION biex ikollu reserved parking u flimkien mat-talba tiegħu kien bagħat ċertifikat tat-tabib bħala provi li kellu diżabilita. Żied illi jemmen illi għandna nzommu mal-istess proċedura. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-Kunsill kien jirċievi dawn it-talbiet għall-approvazzjoni, izda kienu Transport Malta li kienu jagħmlu l-kaxxi.
Is-Sindku kkonferma li hemm 4 motorcycle bays fir-raħal [ref punt 3.4]

3.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi meta kien Sindku, hu kien diġa ordna noticeboard għal Pjaza [ref punt 3.6]. Is-Sindku qal illi kellu jerġa jordna waħda hu u li l-kuntrattur ma kienx qalhu li l-Kunsill kien diġa ordna waħda qabel. Is-Sindku qal illi l-Logo tal-Kunsill għanda titwaħħal u ġiet ordnata, wara mistoqsija tal-kunsillier Publius Abdilla.

3.5 Is-Sindku qal illi l-ħaddiema qegħdin bil-leave sal-aħħar tas-sena u għalhekk ix-xogħolijiet fuq barra jitkomplew wara l-ewwel tas-sena [ref punt 3.7].

3.6 Il-kunsillieri kollha qablu fuq l-inkonvenjenzi li qed toħloq l-ATM fejn qegħda, izda qablu fuq l-importanza li nzommu s-servizz fir-raħal. Is-Sindku għadu qed jistenna mill-Bord tal-BOV wara li saret talba biex titpoġġa f'post ieħor fir-raħal.

3.7 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għadu ma ltaqax mal-grupp tal-Edukazzjoni u Kultura [ref punt 3.12] u għalhekk ma kienx resaq il-mistoqsija tal-kunsillier Publius Abdilla {fil-laqgħa nru 17} quddiemhom. Is-Sindku fakkar illi l-gruppi qegħdin hemm biex jgħinu biss, u mhux biex jieħdu deċiżjonijiet. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal ukoll illi l-kotba li xtrajna għar-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-poeziji mhuwiex addattat għat-tfal. Għalhekk il-Kunsill approva li nixtru kotba oħra, u li dawn il-kotba jingħataw bħala premji fil-futur.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sinjura Dorianne Zammit Briffa se tieħu ħsieb il-preżentazzjoni tas-serata [ref punt nru 3.14].

3.9 Il-party tat-tfal se ssir fit-28 ta' Diċembru [ref punt 6.1]

3.10 Is-Sindku qal illi jippreferi li l-ġardinar jaħdem mingħajr il-mutur, għax il-ħaxixa terġa titla mill-ewwel wara l-uzu tal-mutur [ref punt 7.7]. Qal ukoll illi fl-ebda ħin il-ħaddiema ma kienux rrepettew ix-xogħol fl-istess area li ħadem il-ġardinar.

3.11 Is-Sindku qal illi x-xogħol tlesta fit-triq il-Biedja [red punt 7.8]

3.12 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab ir-raġuni għalfejn saret it-talba biex il-kunsillieri jistaqsu lis-Sindku dwar ix-xogħol illi jkollhom bzonn qabel ma jmorru fuq l-iskrivani [ref punt 7.12]. Is-Sindku rrisponda li l-iskrivani għandhom jingħataw l-istess ammont ta’ xogħol, u x-xogħol ma kienx qed ikun imqassam sew bejniethom.

**4. Approvazzjoni tal-pagamenti**

4.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa fuq il-pagament ta’ Tabone Enterprise. Is-Sindku wieġeb illi dawn kienu għax-xiri t’għaxar gazeebo’s. Il-kunsillier qal illi s-Sindku kellu jistaqsi lill-kunsillieri qabel ma nxtraw dawn l-oġġetti. Peress illi kienu bzonnjuzi għall-attivitajiet tas-7/8 ta’ Diċembru [Milied Ħal Safi], wara li rċevejna l-aħbar illi mhux se nieħdu l-istands tal-gvern, is-Sindku qal illi kellu jieħu deċiżjoni dak il-ħin stess, wara li ġie mitlub €200 kull waħda biex jinkrew.

4.2 Il-kunsillieri qablu u approvaw il-Payment Approval Sheet.

**5. Korrespondenza**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-emajl tas-sinjorina Amy Zammit illi uriet l-interess biex tagħmel klassi tal-fitness fis-sala tal-Kunsill darba fil-ġimgħa. Il-kunsillieri riedu izjed informazzjoni. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi jaf ftit nies illi jattendew klassi simili Ħal Għaxaq illi huma lesti jiġu hawn. Qal illi hemm 10 persuni fil-grupp li huma nteressati.

5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ħabbar illi l-Kunsill se jirċievi €3000 bħala fondi kulturali għall-attivitajiet ta’ Milied Safi.

5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qara Memo 31/2013 mid-DLG fejn il-Gvern qed ifittex binjiet fil-lokalitajiet kollha biex ikun jista ssir ezerċiżju tat-tiġdid tal-Karta tal-I.D fihom. Il-kunsillieri riedu izjed

informazzjoni [meta? ħlas?]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s'issa jista jagħti l-informazzjoni li hemm fil-Memo biss, u se jara mad-DLG rigward dan l-informazzjoni li jixtiequ huma.

5.4 Il-Kunsill irċieva ittra ta' irringrazzjament mis-sur Saviour Sammut għax-xogħol/attivitajiet illi qed isiru fir-raħal. Fl-istess ħin ippropona li l-Kunsill jieħu inizjattiva biex inħeġġu n-nies biex iħalu r-raħal nadif. Din il-kampanja edukattiva qegħda f'idejn il-GreenPak.

5.5 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa rigward l-ittra minn EneMalta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna rċevuta rigward l-applikazzjoni tagħna għal fanal.

5.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar ittra li rċevejna mis-sinjorina Carmen Borg. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sinjura qed tilmenta fuq bozza illi saret fejn id-dar tagħha. Is-Sindku qal illi l-bozza ma saritx quddiema. Qal ukoll illi anqas hemm dawl isfar mat-twieqi u għalhekk zgur mhux qed jidħol dawl fid-dar tagħha. Qal ukoll illi diversi nies talbu biex isir bozza hemmhekk u li jemmen illi min kitbet l-ittra m'għanda l-ebda bazi minn fejn tiddefendi l-punt tagħha. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi dawn għandhom jiġu diskussi fuq il-mejda tal-Kunsill u li ma kien jaf b'xejn rigward dan is-suġġett.

**6. Fuljett**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ koppja tal-fuljett u qal illi qabel il-laqgħa kien ta l-GoAhead lil Veritas Print biex jagħmlu 800 koppji. Il-kunsillieri ħadu magħhom kopja tal-artiklu tagħhom.

**7. Attivitajiet tal-Milied**

7.1 Is-Sindku qal illi l-ikla tal-istaff se ssir fis-27 ta' Diċembru.

7.2 Fil-5 ta' Jannar se ssir l-ikla anwali tal-anzjani. Il-Kunsill irċieva 2 kwotazzjonijiet [Neriku: €8.50pp u James: €11.50pp VAT exc]. Neriku kkwota €140 għal 4 waiters waqt illi James talab €440 għal 10. Il-Kunsill qabel fuq Neriku, izda jekk il-Kunsill jirċievi kwotazzjoni irħas se jikkonsidra l-interess ta' kumpaniji oħrajn.

**8. Leave/ Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill**

8.1 Il-kunsillieri qablu li l-iskrivani tal-Kunsill iġeddu l-leave li baqalhom tas-sena 2013 biex juzawhom f'2014. Waħda mill-impjegati kellha 130.25 sigħat, waqt illi l-oħra għanda 73.75 [sa 30/11/2013].

8.2 Il-kunsillieri qablu li l-iskrivana Doris Baldacchino tieħu 6% Performance Bonus, waqt illi s-sinjura Josianne Grech tieħu 5%.

**9. Leave/Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi baqalu 'il fuq minn nofs sena leave [sa 30/11/2013] u għamel talba biex iġedded l-ammont ta' 96hrs minnhom [nofs sena] biex izomm mar-regolamenti tal-leave mid-Dipartiment. Il-kunsillieri qablu mat-talba [suġġett għad-deċiżjoni tad-DLG].

9.2 Il-kunsillieri qablu li s-Segretarju Eżekuttiv jieħu t-10% Performance Bonus [suġġett għad-deċiżjoni tad-DLG].

**10. Ħwejjeġ Oħra**

10.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi jiddispjaċih illi barra mir-raħal hemm għaqdiet li għamlu x-xogħol kollu rigward attivitajiet sportivi li saru fl-irħula, u l-kunsilli ngħataw premji għal dan ix-xogħol, waqt illi Kunsill zgħir bħal tagħna għamel, fejn jidħol l-isports u ma ħadniex l-istess tip ta' kumpens mill-MOC. Qal illi ġejna bejn ir-4 u s-6 post fl-awards tal-MOC. Qal ukoll illi diġa għandu idejat ġodda biex insebħu l-applikazzjoni tagħna għal 2014. Il-kunsillier zied illi kollox mar sew fil-Bike Hike [23/11/2013].

10.2 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi m'hemmx dawl f'ġnien Dun Karm Vella u f'parti tal-Karwija. EneMalta huma avzati rigward Karwija waqt illi s-Sindku qal illi għandu jara xi ħsara hemm taħt il-fanali tal-ġnien qabel ma jkun jista jieħu ħsieb il-problema. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dan ix-xogħol għandu jsir malajr. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel miegħu, speċjalment biex nevitaw abbuzzi li jistgħu isiru. Is-Sindku reġa fakkar illi l-ħaddiema mhumiex preżenti għal issa. Qal ukoll illi l-ħsara li hemm fil-ġnien Dun Karm Vella hija frott ta' xogħol ħażin.

10.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm ġrieden mal-Bring In Sites ta' Qerd in-Naħal. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġa ċempilna l-kuntrattur biex jiġi jagħmel il-valenu.

10.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm ħoffra f'triq San Pawl. Is-Sindku qal illi hemm oħrajn madwar ir-raħal; illi ħa nota tagħhom u li se nieħdu ħsieb ix-xogħol meta jiċara t-temp u meta jiġu lura l-ħaddiema. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm ukoll ħofor fejn Ġnien Sir Alexander Ball.

10.5 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa rigward is-sleeping police f'triq Ta' Ġawħar. Is-Sindku qal illi se jkollu joħroġ biċċ'oħra mill-garaxx biex titpoġġa. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk tfaċċaw il-biċċiet illi nserqu. Is-Sindku qal illi għandu ideja fejn qegħdin, imma ma waslux lura l-Kunsill.

**11. Laqgħa li jmiss**

11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fis- 27 ta' Diċembru 2013 fil- 5pm

Sindku
Francis Callus

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard